MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1339/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited bħala aġent u mandatarja tas-soċjeta' estera CGU ta' Perth Scotland u Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita' tagħha ta' rappreżentanti *ex lege* ta' J R N Collyer membru ta' u jifforma parti minn Lloyds u jġib is-syndicate numru 1243 u jopera taħt l-isem Euclidian Underwriting Limited u Millenium Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tal-istess kumpanija estera Euclidian Underwriting Limited u Ecclesiastical Insurance Office p.l.c. (claim no. N021511)**

**-vs-**

**Vodafone (Malta) Limited**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-26 ta' Novembru 2002 li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi ppremettiet:

Illi l-atturi assikuraw s-soċjeta' tal-istabbiliment Millenia li jappartjeni lil Mizzi Group, f'liema bini hemm ukoll fergħa ta' Vodafone (Malta) Limited.

Illi s-soċjeta' konvenuta waħħlet antenna mast fuq il-bejt tal-bini in kwistjoni, liema antenna mast ma kellhiex *lightning protection earthing* mqabbad magħha.

Illi b'konsegwenza tan-nuqqas ta' *lightning protection earthing*, fi 2 ta' Frar, 2002 seħħet maltempata kbira li fiha sajjetta qabdet ma' l-antenna mast tas-soċjeta' konvenuta u baqgħet niezla mal-cables tal-elettriku u tat-*telephone* u li b'hekk ġew kawżati ħsarat kbar fil-proprjeta' tal-assigurati tas-soċjetajiet attriċi.

Illi d-danni in kwistjoni ammontaw għal ħdax-il elf, ħames mija u tlieta u tletin Lira Maltin u sitta u tletin ċenteżmu (Lm11,533.36).

Illi s-soċjetajiet attriċi kkumpensaw s-soċjeta' assigurata Mizzi Antiques Limited għad-danni msemmija u b'hekk is-soċjetajiet attriċi ġew surrogati fid-drittijiet tas-soċjeta' Mizzi Antiques Limited.

Illi s-soċjetajiet attriċi nterpellaw is-soċjeta' konvenuta sabiex tħallashom l-ammont ta' ħdax-il elf, ħames mija u tlieta u tletin Lira Maltin u sitta u tletin ċenteżmu (Lm11,533.36) bħala danni iżda s-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija unikament responsabbli għall-ħsarat kaġunati fit-2 ta' Frar 2002 fl-istabbiliment Millenia proprjeta' tal-assigurata Mizzi Antiques Limited, liema soċjeta' assigurata ġiet kumpensata mis-soċjetajiet attriċi li ġew surrogati fid-drittijiet tagħha.

2. Tikkundanna s-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjetajiet attriċi, is-somma ta' ħdax-il elf, ħames mija u tlieta u tletin Lira Maltin u sitta u tletin ċenteżmu (Lm11,533.36) rappreżentanti d-danni li għalihom ġiet kumpensata s-soċjeta' assigurata mis-soċjetajiet attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata tal-avviż lis-soċjeta' konvenuta, liema soċjeta' konvenuta hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, ppreżentata fl-14 ta' Frar 2003, li permezz tagħha eċċepixxiet:

1. L-ewwel talba tal-atturi għandha tkun miċħuda *stante* li s-soċjeta' konvenuta ma kienetx taħti għall-ħsara li allegatament ġarrbet is-soċjeta' assikurata tal-atturi.

2. Fit-tieni lok, u bla preġudizzju għall-premess, il-*quantum* tad-danni pretiż mill-atturi għandu jkun adegwatament pruvat skond il-liġi.

3. It-tieni talba attriċi għandha tiġi riġettata wkoll *stante* li s-soċjeta' konvenuta m'għandhiex tkun kundannata tħallas danni lill-atturi.

4. Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits u semgħet ix-xhieda;
Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;
Rat l-atti proċesswali nkluż il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;
Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' għal danni li ġew ikkawżati lis-soċjeta' ossija l-Mizzi Group of Companies, li s-soċjeta' attriċi kellha tħallas minħabba li kien hemm kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-partijiet. Is-soċjeta' attriċi kienet assikurat lil Mizzi Group u wara maltempata li fiha saret ħsara lil bini tal-istess grupp, hija ħallset a bażi ta' dan il-kuntratt ta' assikurazzjoni u allura ġiet surrogata fid-drittjiet tagħha (Dok DM2); hija qed issostni li l-ħsara ġiet ikkawżata minn mast proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta li kienet topera mill-istess bini. Skond il-kuntratt bejn Mizzi u Vodafone (DM3) is-soċjeta' konvenuta obbligat ruħha *to insure its equipment and installation and will indemnify (Mizzi Group Limited) against damages that may be caused as a result of the equipment or installation*. Da parti tagħha s-soċjeta' konvenuta qed tiċħad li dan kien il-każ u allura li hija kienet responsabbli għal din il-ħsara. Il-kwistjoni hija allura waħda ta' provi ossija jekk mill-provi illi tressqu s-soċjeta' attriċi għandhiex tirnexxi fit-talba tagħha.

**PROVI**

Matul il-ġbir tal-provi, kif wieħed jistenna, il-partijiet iressqu diversi xhieda u l-Qorti se tirriassumi dak li jidhrilha huma l-iktar xhieda importanti. A fol 17 is-soċjeta' attriċi esebiet numru ta' affidavits u dokumenti. **Desmond Mizzi** direttur ta' Mizzi Group qal li l-bini in kwistjoni huwa tagħhom u Vodafone ġew awtorizzati jinstallaw żewġ antennas *(recte; antennae)* skond il-ftehim ġia' msemmi (DOk DM3). Fi Frar 2000 huma ġew informati minn Vodafone li ż-żewġ *antennae* ma kienux qed jaħdmu u għalhekk mar jiftħilhom ċertu Dione Mercieca mpjegat tagħhom. Sabu li ma kienx hemm *power supply* u li kien tar il-*fuse* tal-Gvern. Waħda minnhom kienet maħruqa x'aktarx b'sajjetta. Mar allura huwa stess fuq il-post u sab illi minħabba dan huma sofrew ukoll ħsarat kbar ġol-bini tagħhom u li huwa spjega bid-dettall. Marru miegħu rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi u nies tekniċi. Għamlu spejjeż konsiderevoli li gew rimborżati mis-soċjeta' attriċi. **John Demanuele,** tekniku tal-Mediterrenean Technical Services spjega anke lill-persuni mibgħuta mill-konvenuti illi fil-fehma tiegħu l-ħsarat ġew ikkawżati mill-fatt li s-sajjetta kienet laqtet l-arblu li fuq twaħħlet l-antenna u din

allura fflaxxjat fuq il-*cables* tal-elettriku li kienu parallelli ma' dawk tal-Vodafone. Dawn tal-aħħar mill-ewwel m'aċċettawx responsabbilta' għal dak li ġara. Eventwalment neħħew l-*antennae* fuq talba ta' Mizzi Group. **John Sant,** *manager* fit-Tax Compliance Unit qal li huma għandhom uffiċċju fit-tielet sular fil-bini in kwistjoni li kienu krew mingħand Mizzi Group. Qal li fil-4 ta' Frar 2002 meta fetħu l-uffiċċju qalulhom li l-*lifts* ma kienux qed jaħdmu u ma kienx hemm kurrent elettriku. Meta kellem lil Desmond Mizzi, dan qallu li kien hemm ħsarat oħra; meta tela' fuq il-bejt ra wkoll *supply box* tal-Maltacom imtajra kompletament. Ra wkoll *cameras* tas-CCTV maħruqin. Huma nkarigaw lil ċertu **John Gusman** li huwa *electrical engineer* u dan ħejja rapport li huwa esebit (fol 35). Huma rranġaw il-ħsarat wara li ġew awtorizzati minn Mizzi Group li fil-fatt ħallset l-ispejjeż involuti. **Gretchen Serracino Inglott,** rappreżentanta tas-soċjeta' United Insurance Brokers, li huma *brokers* tas-soċjeta' Mizzi Group qalet li kienet preżenti meta x-xhieda ġja' msemmija marru jispezzjonaw il-ħsara u dan biex hija setgħet tgħaddi l-informazzjoni lis-soċjeta' attriċi. Hija kkonfermat li din ħallset lil Mizzi Group u li l-konvenuti baqgħu jiċħdu li kienu responsabbli għall-ħsarat.

Il-ġia' msemmi **John Demanuele** (fol. 50) qal li huwa konsulent tekniku ta' Mediterranean Technical Services Limited u fost dmirijietu hemm id-disinjar ta' sistemi ta' petizzjoni kontra s-sajjetti u jagħmel *surveys* fuq oġġetti elettroniċi. Huwa ġie nkarigat mis-soċjeta' attriċi biex jagħmel *survey* fuq il-bini in kwistjoni minħabba ħsara kaġunata minn sajjetta u mar fuq il-post fl-4 ta' Frar 2002 ma' Desmond Mizzi u Gordon Axiaq in rappreżentanza ta' Gasan Insurance. Huwa qal testwalment illi:

*"fl-opinjoni tiegħi l-ħsara ġrat għaliex is-sajjetta laqtet l-arblu ta' l-antenna tal-Vodafone u dan ma kellux lightning protection adekwat. Għalkemm l-arblu kien ertjat dan l-earth ma kienx disinjat għal sajjetti iżda biss bħala protezzjoni kontra xokkijiet elettriċi. Għalhekk b'riżultat ta' dan meta l-arblu intlaqat bis-sajjetta, l-elettriku ġenerat mis-sajjetta għażel l-aktar triq faċli għalih u qabeż minn fuq l-arblu għal fuq l-istruttura tal-azzar tal-bini (kif ġia' għidt tramite l-bracket u l-bolt tal-arblu għal ġewwa x-xibka*

*tal-konkos) u kif ukoll għal fuq il-cables tal-elettriku fuq imsemmi li huma fil-vicinanzi.”*
Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-ħsara kienet *beyond economic repair* u għalhekk ikkonferma l-entita’ tal-ħsarat. Ġie esebit ukoll is-*survey report* (fol 54). **Gordon Axiak** qal li huwa *deputy manager* tas-soċjeta’ attriċi; ikkonferma dak li ġia’ ntqal mix-xhieda l-oħra. **John Galdes** ukoll huwa *senior manager* mas-soċjeta’ attriċi u kien preżenti għall-laqgħat li saru fir-rigward tal-inċident in kwistjoni. Qal li l-enġiniera ta’ Vodafone qalu li l-ħsara ma saritx kif qal Demanuele iżda *tramite* l-linji tan-*network*; iżda ma’ dan Demanuele ma qabilx. Skond in-noti li ħa x-xhud, Demanuele qallu li parti mill-evidenza kienet tneħħiet minn meta mar l-ewwel darba fuq il-post.
Ix-xhieda msemmija Mizzi, Axiaq u Galdes, meta ġew kontro-eżaminati qalu li ma kienux esperti u setgħu jgħidu biss dak li raw. Mizzi, partikolarment insista li l-ħsara bilfors setgħet tidħol minn fejn qal hu, għaliex kien hemm *antennae* oħra li ma ġewx danneġġjati. Huwa qal li għalkemm mhux espert, kellu ċerta esperjenza fil-bini u ħsarat simili. Demanuele, ġie kontro-eżaminat fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 2007. Qal li ma kellux assistenza u kien waħdu bħala konsulent tal-atturi; qal ukoll li kien konvintissmu mill-konklużjoni tiegħu.
Da parti tas-soċjeta’ konvenuta, din ressqet bħala xhud l-ewwel lil **Alan Caruana**, *networks manager* tagħha, li fis-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2007 qal li huma kellhom arblu bi tlett *GSM panels*, *antenna* u *cabinet* fuq il-bejt in kwistjoni li fihom kellhom l-*equipment* tat-telecom. Kienu l-atturi stess li qalulhom fejn jagħmluh pero’ dawn ma daħlux kif kellhom jitwaħħlu. Is-sistema kenet ertjata u kellhom hekk imsejħa *surgerectors* biex jipproteġuhom mill-effetti tas-sajjetti. Qatt ma kellhom problemi sa dakinhar. Skond ix-xhud, dakinhar tal-inċident il-*base station* waqa’ fuq il-batteriji. Meta daħlu fuq il-post sabu li kien hemm *circuit breaker* bi *fuses* imtajrin u *rectifier*; biddluhom u kollox beda jaħdem normali. L-*equipment* tagħhom baqa’ jaħdem bil-lejl u ma kellhomx ħsarat fit-*transimitter* u t-*telecom equipment*. Sar jaf bil-ħsarat in kwistjoni xi ġranet wara meta sejħilhom Mizzi.
Fl-istess seduta xehdet Dr **Rachel Desira,** kap tad-dipartiment legali tas-soċjeta’ konvenuta, li esebiet

dokumenti rigward l-istallazzjonijiet li l-istess soċjeta' kellha fil-bini in kwistjoni. **Edwin Sciberras** ukoll impjegat ma' Vodafone, kien jieħu ħsieb il-manteniment tal-*base stations* u allura kien *senior technician*. Qal li l-istallazzjoni kien fiha *pole* bl-*antennae* bil-*micro avling* miegħu u *equipment* ieħor li kien qiegħed taħt ħajt ossija fuq l-bejt in kwistjoni. Qal illi meta mar fuq il-post in segwitu għall-inċident ma kien jidher xejn ħażin fl-apparat tagħhom qal li *tant hu hekk li l-istation baqgħet taħdem normali, jiġifieri bħal 'force supply' li inqata'; imbagħad x'hin ... bdejna ninvsetigaw sibna li kellna 'two pole circuit breaker MCB' kien tripat u x'ħin ippruvajna nixegħluh ma bediex jixgħel. Kien mar dak, kellna nibdluh. U barra minn dak konna biddilna wkoll 'rectifier' illi sibna li kien mar ukoll. 'Rectifier' huwa li jaqleb mill-mains għal DC's oħrajn.* Ix-xhud spjega illi l-MCB iservi ta' protezzjoni għal kull ma huwa mqabbad ma' barra; speċi ta' *fuse*. Huwa qal li dan kien maħruq u fil-fehma tiegħu kien hemm problema minn ġewwa. Huwa qal ukoll li llum-il ġurnata huma ma għadhomx ikollhom *earth system* kollegata ma' dak ta' sid il-binja iżda tkun sistema kollha kemm hija tagħhom. Dak iż-żmien dik kienet is-sistema normali li kienu jaħdmu biha u ċjoe' li s-sistema kienet tiddependi fuq dik tal-binja kollha. Kontro-eżaminat, huwa nsista li l-antenna tagħhom ma kellha xejn u ma kellhomx għalfejn isewwuha meta ġara l-inċident iżda bidlu biss ir-*rectifier*. Mistoqsi jekk kellhomx *lightning rod* qal li ma kellhomx. Ammetta li billi l-*antennae* tagħhom ikunu fl-għoli, jkunu *prone* għas-sajjetti iżda nsista li fl-akkwati hemm postijiet li huma aktar *prone* milli kienu l-*antennae*. Madankollu nsista illi *wires* u *cables* ma bidlu xejn wara l-inċident.

**Roberto Farrugia,** ukoll impjegat ta' Vodafone, li huwa *technician* qal li dakinhar kienu ċemplulhom illi nqata' d-dawl il-Millennia u flimkien ma' Edwin Sciberras marru fuq il-post ma sabu lil ħadd, iżda wara ftit fetħulhom biex telgħu fuq il-bejt biex jeżaminaw il-*base station* tagħhom u din kienet għadha taħdem għax waqgħet fuq il-batteriji; is-sistema baqgħet taħdem iżda mingħajr kurrent elettriku. Mill-bqija ħsarat ma kellhomx, Imbgħad niżlu fil-garaxx u sabu s-*circuit breaker* maħruq. Kien naturalment mitfi u kif jippruvaw jixegħluh beda jfaqqa'. Biddluh iżda d-dawl xorta ma ġiex u allura kkonkludew illi l-problema kienet

tirrigwardja l-Millennia stess u mhux minn tagħhom. Għalhekk ċemplu lill-Enemalta. Qal ukoll li ma kellux għalfejn jara bnadi oħra; id-dawl reġa' ġie wara li waslu tal-Enemalta fuq il-post iżda hu kien ġia' telaq. Kontro-eżaminat, ikkonferma li bidlu r-*rectifier*. Qal li mhux bilfors il-ħsara ġrat minħabba s-sajjetti. Qal li l-*earthing* tagħhom kien wieħed normali għad-dawl elettriku.
Is-soċjeta' attriċi reġgħet ipproduċiet lil John Demanuele biex jixhed, u dan reġa' spjega kif fil-fehma tiegħu ġrat il-ħsara. Qal li skond hu s-sajjetta laqtet l-arblu tal-Vodafone bir-riżultat ġia' spjegat. L-*earthing* normali kontra s-sajjetti ma jiswa xejn għaliex din tiġri b'veloċita' kbira u jkollha *inductance* akbar mir-reżisenza, kwindi tmur ġol-bini. Qal li din il-protezzjoni addizzjonali għas-sajjetti mhix obbligatorja iżda ssir normalment.

**RESPONSABBILTA'**
Il-kwistjoni prinċipali allura hija jekk fuq bilanċ ta' provi, it-talba attriċi għandhiex tigi milqugħa. Huwa stabbilit li min jallega jrid jipprova u f'każ bħal dan illi għandha quddiemha l-Qorti peress li ż-żewġ naħat ressqu l-provi tagħhom (kruċjalment provi tekniċi, billi din hija kwistjoni teknika) l-istess Qorti trid tara jekk is-soċjeta' attriċi ppruvatx skond ir-regoli tal-proċedura tagħna, l-allegazzjoni tagħha li l-ħsara ġrat b'tort tas-soċjeta' konvenuta. Dan għaliex is-soċjeta' konvenuta kienet marbuta illi tagħmel tajjeb għall-ħsarat ikkawżati mill-apparat installat minnha fuq il-bini tas-soċjeta' Mizzi Group, li hija assikurata ma' dik attriċi.
Il-Qorti jidhrilha li l-argument li għamel ix-xhud tekniku Demanuele hu wieħed konvinċenti. Jidher infatti minn ftit riċerka li għamlet il-Qorti, illi aktar ma struttura tkun fl-għoli aktar tkun esposta għall-perikolu tas-sajjetti, u teżisti hekk imsejħa ***lightning protection system*** apposita biex tilqa' għas-sajjetti, u dawn is-sistemi ilhom jeżistu għexieren ta' snin, anzi ġiet skoperta oriġinarjament aktar minn mitejn sena ilu; *ex admissis*, u ċioe' anke skond dak li qalu mpjegati tekniċi tagħha, is-soċjeta' konvenuta ma għamlitx dan iżda kkuntentat ruħha b'*earthing* normali. Ladarba ħadet dan is-sogru hija għandha tbati l-konsegwenzi tad-danni li palesament sofriet is-soċjeta' attriċi minħabba dan in-nuqqas. Għandu jingħad ukoll li skond **Charlesworth –**

**On Negligence** paġna 298 – 3rd Edition, *"liability for fires is based on the rule of **Rylands vs Fletcher** and accordingly …. it is not necessary to prove negligence in an action for damage by fire."* Dan l-insenjament ġie kondiviż mill-Qorti tagħna fis-sentenza **"Sidor Brincat vs Anthony Debono"** (25 ta' Mejju 1984, Prim' Awla).
Barra minn dan anke mir-ritratti esebiti, jidher li l-ħsara nfirxet minn mal-antennae tal-konvenuti. Għalhekk il-Qorti tħoss li s-soċjeta' attriċi ppruvat, skond ir-regoli tal-proċedura, li kienet is-soċjeta' konvenuta, minħabba li naqset li tieħu l-miżuri neċessarji biex tilqa għall-akkadut, li kienet responsabbli għal dak li ġara, u allura għad-danni konsegwenzjali.

**DANNI**
Kwantu għall-likwidazzjoni skond il-prospett indikat mis-soċjeta' attriċi t-telf kaġunat mill-inċident kien Lm11,533.36 (illum ekwivalenti għal €26,865.50); dan l-ammont mhux kontestat u ġie sostnut mid-dokumenti esebiti. Is-surroga ġiet ukoll ippruvata bid-dokumenti esebiti.

**DEĊIŻJONI**
**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' sitta u għoxrin elf, tmien mija u ħamsa u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€26,865.50) lis-soċjeta' attriċi bl-interessi mid-data tan-notifika tal-kawża.**

**L-ispejjeż ikunu wkoll a kariku tas-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------